# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 59 – IT-TNEJN 12 TA' DIĊEMBRU 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

Is-SE infurmat li l-Viċi Sindku kien infurmaha li ma setgħax jattendi għal-laqgħa.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 58

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 58 mingħajr emendi wara proposta mis-Sindku u sekondata mill-Kunsillier Fenech.

1.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 58

2.1 Is-SE infurmat li għalkemm kienet bagħtet reminders dwar is-CCTV's, s'issa għad ma kellha ebda risposta konkreta ħlief dik ta' Dar Kenn Għal Saħħtek. Sadanittant kienet xtrat is-*submeter* biex hekk kif ikollha l-*go ahead* ikun jista' jiġi installat b'mod immedjat.

2.2 Fir-rigward tal-attività tal-Malta Classic, is-SE infurmat li dawn kienu talbuha ftit aktar żmien. Kienet se terġa' tagħmel kuntatt magħhom fil-bidu tas-sena.

2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 2.3, dwar il-*crash barrier*, kienu ntalbu xi ritratti kif ukoll xi kejl min-naħa ta' TM. Dawn kienu ntbagħtu u l-Kunsill għadu qed jistenna risposta.

2.4 Is-SE infurmat li kienet infurmat lill-kuntrattur tal-kustodju tal-bosk li l-kuntratt intemm. Sadanittant kienet ġiet ifformulata ittra min-naħa tal-avukat sabiex tintbagħat lill-kuntrattur biex jiġi infurmat b'mod uffiċjali.

2.5 Is-SE infurmat li l-estensjoni tal-kuntratt tal-latrini kienet intbagħatet.

2.6 Is-SE infurmat li minħabba li t-temp ma tantx kien favorevoli, kienu għadhom ma sarux ix-xogħlijiet approvati. Kienet tkellmet mal-kuntratturi u dawn infurmawha li kienu se jagħmlu x-xogħol fil-bidu ta' Jannar.

2.7 Is-SE infurmat li għalkemm kienet għad m'għandhiex kwotazzjoni għaż-żewġ biċċiet traqqigħ li ssemmew f'para. 12.6 tal-laqgħa li għaddiet, aktar kmieni l-Perit tal-Kunsill kienet għadditilha kwotazzjoni għar-rikostruzzjoni tat-triq u l-ħajt fi Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello, fil-parti ta' fuq, fejn partijiet mill-ħajt diġà jidher li beda jċedi għal isfel. Din l-istima kienet telgħet 'il fuq minn €182,000. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb b'mod immedjat lil Transport Malta sabiex titlob l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali.

2.8 Wasal Anton. Il-ħin kien is-7pm.

2.9 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li nagħmlu zewġ arbli b'*fencing* biex ikun hemm sigurtà. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat ittra lil TM biex nitolbuhom jieħdu ħsieb dan il-ħajt u li l-Kunsill m'għandux fondi biex jirranġa l-ħsara.

2.10 Fuq proposta tal-Kunsillier Mifsud, is-Sindku ssuġġerixxa li s-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jniedi proċess biex il-Kunsill jara l-possibbiltà li Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello tinbidel għal direzzjoni unika.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku esprima l-kondoljanzi tiegħu mal-familja ta' Reno Dalli, is-sagristan tal-Parroċċa. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat kuruna tal-fjuri bħala ringrazzjament għas-servizz li ta lill-komunità Mtarfija.

3.2 Is-Sindku informa li fil-*weekend* li għadda, kienu ġew organizzati l-ikla tal-komunità u l-ħarġa tal-presepju f'Għawdex. Huwa informa li dawn kienu ta' suċċess u kien hemm parteċipazzjoni tajba.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza, wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Bugeja. Il-listi tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

4.3 Il-Kunsilliera Bugeja skuzat ruħha mil-laqgħa fis-7:15pm.

## 5. ALLOKAZZJONI FINANZJARJA 2017

5.1 Is-SE infurmat li l-allokazzjoni għas-sena 2017 kienet se tkun ta' €254,074.51.

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITÀ 2016

6.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien obbligat jagħmel il-laqgħa tal-lokalità sal-aħħar tas-sena. Minħabba li m'hemmx aktar żmien fejn issir, kien hemm qbil li din għandha ssir dakinhar tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, jiġifieri l-Ħamis 5 ta' Jannar u tibda eżattament wara, fis-7:30pm.

## 7. ĠEMELLAĠĠ MA' *PUMPHERSTON* FL-ISKOZJA

7.1 Is-Sindku informa li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet waħda minn żewġ applikazzjonijiet minn Kunsilli Maltin li rebħet il-fondi.

7.2 Is-SE infurmat ukoll li sadanittant xorta għadha qed tistenna li tirċievi l-approvazzjoni uffiċjali min-naħa tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

7.3 Id-dati maħsuba għal din iż-żjara kienu mill-25 ta' April sat-2 ta' Mejju 2017. Hija talbet lill-Kunsilliera sabiex iżommu dawn id-dati mingħajr appuntamenti oħra sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet li jkunu għaddejjin. Is-Sindku informa li probabbli jkun imsiefer imma li jista' jkun lura Malta nhar is-27 ta' April.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Is-SE infurmat li wara li waslilha rapport dwar ħsara fil-bosk, kienet għamlet spezzjoni u nnutat li parti mill-belvedere kien ċeda bix-xita li għamlet matul il-ġimgħa li għaddiet. Aktar kmieni llum saret spezzjoni flimkien mas-Sindku, il-Perit u rappreżentant tal-kuntrattur biex naraw kif l-aħjar li nipproċedu. Il-Perit għandha tiddiskuti din il-problema u tkellem lura lill-Kunsill mill-aktar fis possibbli. Is-Sindku informa li waqt il-laqgħa li saret kien hemm qbil li l-Perit għandha tavviċina lill-Awtorità tal-Ippjanar biex tikkonvinċihom li jintuza l-konkos biex ikun hemm aktar saħħa u l-belvedere jiddaħħal aktar 'il ġewwa biex jitnaqqsu l-ispejjeż. Sadanittant isSE infurmat li l-bosk se jibqa' magħluq għal żmien temporanju biex jiġi evitat xi inċident fatali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan kollu.

8.2 Is-SE infurmat li kellha laqgħa mas-Sur Charles Vella min-naħa tal-Awtorità tad-Djar fejn dan kien infurmaha li l-HA kienet iddeċidiet li tagħlaq il-parkeġġ li hemm biswit l-uffiċċju tal-GO minħabba l-ħsarat li fih. Hija infurmat li kien bagħat ittra wkoll sabiex jikkonferma dan kollu. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha titolbu jibgħat ittra lir-residenti tal-blokka biex ikunu infurmati.

8.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-bozza l-ġdida fi Triq is-27 ta' April is-SE infurmat li l-electrician kien għamel ix-xogħol meħtieġ u li kienet intbagħtet l-applikazzjoni lill-Enemalta sabiex issir il-kommunikazzjoni.

8.4 Għas-suġġeriment tal-Kunsillier Fenech sabiex isir sprall minn Triq Sir Leslie Rundle li jagħti għall-ġnien fi Triq is-27 ta' April, is-SE issuġġeriet li minflok wieħed għandu jara l-possibbiltà li l-isprall jitqabbad mas-sistema tal-*culverts* li hemm diġà aktar 'il fuq u li jagħtu direttament fil-ġibjun tal-bandli. Kien hemm qbil li għandha ssir spezzjoni fuq il-post flimkien mal-perit u l-kuntrattur biex nivverifikaw jistax isir.

8.5 Għat-tfakkira tal-Kunsillier Fenech dwar il-parkeġġi ta' Triq Gregorio Carafa, is-SE infurmat li kienet irċeviet *email* bir-ritratti ta' kif qed jiġu pparkjati l-vetturi. Jidher li qed issir bi skop u mhux b'negliġenza u għaldaqstant dawn il-parkeġġi se jiġu mmarkati dalwaqt. Hija infurmat li waqt spezzjoni li għamlet deher biċ-ċar li hemm drive in ta' garaxx li l-vetturi qed isibuha diffiċli ħafna li joħorġu minnha sakemm ma jiġix immarkat sinjal doppju isfar itwal milli hemm. Kien hemm qbil li jsir *double yellow line* quddiem il-garaxx tal-biswit.

8.6 Il-Kunsillier Fenech talab lis-SE sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-iskart goff minħabba li kien ġibidlu l-attenzjoni resident għaliex ma ħadlux kollox.

8.7 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li s-SE għandha tiġbed l-attenzjoni tal-kennies biex inaddaf l-imbarazz li twaddab fit-triq fi Triq San Alessi.

8.8 Il-Kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni li huwa, fil-kariga ta' President tar-Reġjun Tramuntana, kien għamel mistoqsija lill-Ministru Owen Bonnici dwar x'se jsir mill-flus taċ-ċitazzjonijiet li jingħataw b'mod speċjali fejn il-Kunsill ikun għamel spiza sabiex jixtri u jinstalla CCTV Cameras. Kien hemm qbil li idealment dawn għandhom jibdew isiru mil-LESA u l-Kunsill ukoll għandu jinsisti dwar hekk. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill kien se jidħol għal servizz ta' sena u mhux se jixtri sistemi ġodda u għaldaqstant sakemm tittieħed deċizjoni mill-Gvern Ċentrali dwar il-proċeduri, seta' jkompli bid-diskussjonijiet biex dawn il-*cameras* jiġu installati.

8.9 Kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib kwotazzjonijiet għat-tindif tal-parti ta' ġewwa ta' Triq San Alessi minħabba li xi nies irresponsabbli qed jarmu fiha.

8.10 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar il-fatt li s-siġra ta' Binja Msieraħ ma kinitx ġiet imzejna bid-dekorazzjonijiet tal-Milied, is-SE infurmat li minħabba li kien tneħħa l-arblu li kien hemm fil-kantuniera ta' bejn Triq Sir Temi Zammit u Triq Dar il-Kaptan, il-kuntrattur ma kellux ma' fejn iqabbad il-mejnijiet.

8.11 Il-Kunsillier Mifsud fakkar lis-SE sabiex tivverifika jekk hemmx bizzejjed biċċiet biex tiġi ffurmata s*leeping policeman* fit-telgħa ta' Triq Theuma Castelletti.

## 9. Aġġornament

9.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8:20pm. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2017 fis-7:00pm.

______________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________

**Daniel John Attard**
**Sindku**